# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 10 ta' Ottubru, 2022.**

**Numru 3**

**Rikors numru 212/20/1 GM**

**MPM Capital Investments Limited [C46783]**

**v.**

**Il-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU)**

**L-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:**

1. B'rikors preżentat fit-2 ta' Ġunju, 2022, l-attriċi appellat minn digriet li tat l-ewwel Qorti *in camera* fil-21 ta' April, 2022, u mbagħad fil-miftuħ fit-3 ta' Mejju, 2022, wara rikors li ppreżentat fil-31 ta' Jannar, 2022, li fih talbet lill-ewwel Qorti sabiex terġa' tappunta l-kawża għas-smigħ wara d-deċiżjoni tal-15 ta' Novembru, 2021, li biha l-ewwel Qorti ddeċidiet:

> *"Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tilqa' in parte l-eċċezzjoni tal- intempestivita` mressqa separatament mill-intimati billi f'dan l-istadju tiddeċiedi li tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont id-diskrezzjoni mogħtija lilha permezz tal-Artiklu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artiklu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta, tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza fuq l-ilmenti tar-rikorrenti u l-eċċezzjonijiet imressqa kontra tagħhom, u tpoġġi l-kawża sine die riappuntabbli fuq talba ta' xi waħda mill-partijiet fi żmien xahar minn meta jkun hemm pronunzjament definittiv mill-Qorti tal-Appell fil-kawża mressqa quddiemha mir-rikorrenti mingħajr ma sadanittant ikun hemm is-sanzjoni tad- deżerzjoni".*

2. Deċiżjoni li ma ġietx appellata.

3. Sallum għadu pendenti l-appell quddiem il-Qorti tal-Appell (fil-kompetenza Inferjuri) fil-każ **MPM Capital Investments Limited v. il-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja** (57/2020). Appell li sar wara multa li l-FIAU imponiet fuq l-attriċi. L-attriċi ppreżentat ukoll din il-kawża fejn qiegħda ssostni li, flimkien ma' lmenti oħrajn, li Art. 13 tal-*Att kontra Money Laundering* (Kap. 373) u r-regolament 21 tal-Avviż legali 372 tal-2017 jiksru l-jedd għal smigħ xieraq taħt l-Art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, Art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

4. Wara d-deċiżjoni li tat l-ewwel Qorti fil-15 ta' Novembru, 2021, kien bir-rikors tal-31 ta' Jannar, 2022, li l-attriċi talbet lill-ewwel Qorti sabiex terġa' tappunta din il-kawża għas-smigħ. Talba li l-attriċi qalet li kienet qiegħda tagħmel wara s-sentenza li din il-Qorti tat fl-1 ta' Diċembru, 2021, fil-kawża **Insignia Cards Limited v. Il-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni et** (175/21/1).

5. Jissemma għal kull *buon fini* li l-attriċi kienet diġa' għamlet talba bħal dik b'rikors li ppreżentat fis-6 ta' Diċembru, 2021. B'digriet tad-9 ta' Diċembru, 2021, l-ewwel Qorti laqgħet it-talba. Pero` wara rikors tal-FIAU preżentat fil-3 ta' Jannar, 2022, b'digriet tas-26 ta' Jannar, 2022, il-Qorti rrevokat id-digriet tad-9 ta' Diċembru, 2021. Dan wassal lill-attriċi sabiex fil-31 ta' Jannar, 2022, tippreżenta t-tieni rikors fejn reġgħet talbet lill-ewwel Qorti sabiex terġa' tappunta l-kawża għas-smigħ. Talba li ġiet miċħuda bid-digriet li hu meritu tal-appell tal-attriċi.

6. Fid-digriet tat-3 ta' Mejju, 2022, l-ewwel Qorti rraġunat:

> *"Illi din il-Qorti ma taqbilx li l-provvediment tagħha huwa sentenza, kif jirreferu għaliha l-Avukat tal-Istat u l-FIAU u wkoll is-soċjeta` rikorrenti, għaliex ma jiddisponix mill-mertu jew minn parti minnu jew minn xi ostaklu li joqtol il- proċeduri. Pjuttost huwa "digriet li jordna l-waqfien tal-proċedimenti" kif imsemmi fl-Art. 229(2)(e) tal-kodiċi ritwali, u kif ikkunsidratu l-Onorbabbli Qorti tal-Appell in re : Lorenzo Dimech vs Giuseppi Dimech (08/02/1960, komposta minn Av. Anthony Mamo (President) A.J. Montanro Gauci, u William Harding) (Kollez. XLIV.i.50). Digriet dan illi mhux biss jista' jiġi – bil-peremss tal- Qorti – appellat anke qabel is-sentenza definittiva, imma wkoll jiġi revokat jew mibdul minn din il-Qorti sal-lum. Dan iżda jrid isir fit-terminu ta' 6 ijiem mill-jum li bih id-digriet ikun inqara bil-miftuħ mill-Qorti. Id-digriet ingħata fil-15 ta' Novembru 2021. Ir-rikors ġie ppreżentat fil-31 ta' Jannar 2022 u għalhekk ferm wara l- iskadenza kkontemplata mil-liġi ritwali (Art 229 (4)).*
>
> *Anke li kieku l-provvediment de quo kien tabilħaqq sentenza, din ma setgħetx tkun revokata minn din il-Qorti stess".*

7. Fir-rikors tal-appell l-attriċi talbet għar-revoka tad-deċiżjoni appellata mogħtija *in camera* fil-21 ta' April, 2022, u pubblikata fit-3 ta' Mejju, 2022, u sabiex din il-Qorti tordna lill-ewwel Qorti terġa' tappunta l-kawża għas-smigħ. L-attriċi qiegħda ssostni li jekk l-ilment tagħha dwar

il-liġi jintlaqa' mill-ewwel Qorti, ser tinbidel il-piena li ġiet inflitta fuqha mill-FIAU. Kompliet targumenta li l-eżitu tal-proċeduri li hemm quddiem il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) m'għandux rilevanza dwar jekk il-liġi tiksirx id-drittijiet fundamentali tal-attriċi.

8. Fil-15 ta' Ġunju, 2022, l-Avukat tal-Istat wieġeb u ta r-raġunijiet għalfejn l-appell għandu jkun miċħud. Fis-17 ta' Ġunju, 2022, wieġbet ukoll l-FIAU u tat ir-raġunijiet għalfejn din il-Qorti għandha tiċħad l-appell.

9. Fl-ewwel lok il-konvenuti jsostnu li l-appell tal-attriċi hu null għaliex id-digriet appellat hu digriet interlokutorju regolat mill-Art. 229(3) tal-Kap. 12, u għalhekk l-attriċi kellha l-ewwel titlob il-permess tal-Qorti qabel tappella. Permess li ma jirriżultax li ntalab.

Konsiderazzjoni.

10. Id-digriet appellat mhuwiex wieħed minn dawk li jissemma fl-Art. 229(2) tal-Kap.12. Dawk id-digrieti jistgħu jiġu kkontestati qabel is-sentenza definittiva permezz ta' appell u mingħajr il-ħtieġa li jintalab permess lill-Qorti li tkun tatu. Peress li t-talba tar-rikors li għalih jirreferi d-digriet tat-3 ta' Mejju, 2022, kienet biss sabiex il-Qorti terġa' tappunta l-kawża għas-smigħ, id-digriet lanqas mhu wieħed minn dawk li jissemma

f'sub-inċiż (1) tal-istess dispożizzjoni. Ukoll li kieku kien, appell minn dawk id-digrieti jista' jsir biss wara s-sentenza definittiva.

11. Digrieti oħra li ma jissemmewx f'sub-inċiż (1) jew (2), jistgħu biss jiġu kontestati b'appell f'każ li l-Qorti tagħti l-permess sabiex isir appell.

12. F'dan il-każ id-digriet li ngħata fit-3 ta' Mejju, 2022, wara talba sabiex il-kawża terġa' tiġi appuntata, japplika għalih l-Art. 229(3) tal-Kap.12. Għalhekk ġialadarba l-attriċi ma talbitx il-permess tal-ewwel Qorti sabiex tappella minn dak id-digriet, l-appell hu null.

Għal dawn il-motivi tilqa' l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti u tiddikjara li l-appell tal-attriċi hu null. Spejjeż a karigu tal-attriċi.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da